MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 98/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Reggie Vella**

Numru: 98/2011

Illum 25 ta' Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Reggie Vella**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Saviour u Maria neé Vella, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-23 ta' Mejju, 1970, residenti fil-fond numru Sunset, Flat 1, Triq San Xmun, Munxar u/jew Maria, Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru

18370(G), akkuzat talli nhar is-26 ta’ Awwissu 2011, ghall-habta tas-siegha u kwart ta’ wara nofsinhar, gewwa l-Qorti ta’ Ghawdex:

1. immalafama lil Salvatore Ruscica, u dan bi ksur tal-Artikolu 250 tal-Kapitolu 9;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta’ Salvatore Ruscica, weġġgħu bi kliem, b’ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9;

3. irrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma kien ser jimmolesta jew idejjaq lill-kwerelant Salvatore Ruscica.

Semghet, fis-seduta tallum, li l-kwerelant, in segwitu tal-obbligazzjoni tal-imputat kif inghad fis-sentenza precedenti, kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-*parte civile* jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu f’dawn il-proceduri.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------